MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' April, 2004

Numru 199/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**ANDREW WEST**

**Illum 13 ta' April, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Andrew West ta' 54 sena, iben il-mejjet Joseph u l-mejta Adelina imwielda Ellul, imwieled Cospicua fit-2 ta' April 1949, li joqghod 74, Polaris, Triq San Pietru, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 307749(M) gie akkuzat:

Talli fis-27 ta’ Jannar 2004 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta`, jew qassam jew wera ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta` li ma kinux ghalqu d-disa’ snin, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 208(A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. LC4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 208A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andrew West, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat

fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Andrew West ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum l-imputat Andrew West jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggett esebit fis-Seduta ta' llum minn PC 498 David Agius bhala Dok. DAP1. Ghall-fini ta' tali distruzzjoni, il-Qorti tinnomina lir-Registratur tal-Qrati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Andrew West l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------